**8 ta' Marzu, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ir-Repubbliká ta' Malta

*versus*

Glen *sive* John Debattista

## Truffa - *Misse-en-scene*

*Bir-reat ta' truffa kkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, il-liġi iktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapporti patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.*

*Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri jew raġġiri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajmu s-sentimenti oħra msemmija mil-liġi.*

*Biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, għal dawk li huma artifizji mhiex biżżejjed is-sempliċi gidba, iżda jinħtieġ li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik l-impostatura li tikkostrinġi lil dak li jkun li jemmen li tneħħi kull suspett u li tipparalizza d-diliġenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-*buona fede *tiegħu.*

Il-Qorti:-

Dan l-appell sar b'rikors ta' l-akkużat ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 1993 wara sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ppronunzjata fid-9 ta' Diċembru, 1993;

Is-sentenza appellata fis-sempliċita` tagħha tgħid hekk:

"Il-Qorti:-

Rat il-verdett li bih il-ġurija b'seba' voti kontra tnejn, sabet lill-akkużat ħati ta' l-akkuża u ċjoe` ta' frodi b'għemil qarrieqi b'dan li l-ammont tal-ħsara kien jeċċedi l-ħames mitt lira maltija, u b'dan li r-reat kien kontinwat;

Rat l-artikoli 308, 310(1)(a) u 18 tal-Kodiċi Kriminali u ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kondotta preċedenti ta' l-akkużat kif tirriżulta mill-fedina penali tiegħu;

U tikkundanna lill-akkużat għall-priġunerija ta' erba' snin";

Permezz ta' l-appell tiegħu l-appellant qed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tħassar il-verdett ħtija u konsegwenzjali kundanna u minflok tirreġistra sentenza u verdett ta' liberazzjoni biex b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena;

Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant in sostenn ta' l-appell tiegħu huma s-segwenti:

Il-prosekuzzjoni bħala fatt ma ġabitx il-prova dwar il-fatt allegat li l-appellant "ivvinta storja" dwar kuntratt mad-Dun;

L-appellant għalhekk qatt ma seta' nstab ħati meta l-bażi essenzjali ta' akkuża ta' frodi tinvolvi prova oltre d-dubbju raġonevoli ta' falsita`;

L-istess jingħad dwar l-attentat ta' prova dwar l-allegata falsita` dwar applikazzjoni għall-faċilita` bankarja mingħand il-Mid-Med Bank. Ma saret ebda riċerka dwar jekk kienx hemm applikazzjoni

f'isem Cavallo Mobili Limited;

Ma tirriżulta l-ebda messa in xena li ġiet eżerċitata fuq Joseph Galea sabiex dan jiġi indott fi twemmin fil-falz u huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li l-falsita` (una volta ppruvata) waħedha mhix biżżejjed sabiex tinstab il-ħtija taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9);

Ma jirriżulta xejn mill-provi li tista' titqies li tikkwalifika bħala *mise-en-scene*. Jirriżultaw biss kliem li dwarhom lanqas biss hemm il-prova dwar il-falsita` allegata;

Mix-xhieda stess ta' Joseph Galea jidher ċar li dan ma kellux għalfejn jiġi indott f'ebda twemmin falz għaliex huwa għamel li għamel ma' l-appellant bħala riżultat ta' apprezzament personali dwar il-persuna ta' l-appellant mhux minħabba xi promessi jew kliem falz rafforzati b'raġġiri. Fi kliemu stess, Galea ħass li kien qed jgħin lill-appellant għax kien jidher dħuli u ħabrieki u minn fuq "ħa l-grazzi". Minn hawn u minn kliem ieħor ta' dan ix-xhud wieħed jasal għall-ispirazzjoni ta' l-aġir tiegħu li ma hu konness ma' l-ebda ħaġa li seta' qallu l-appellant;

Dak li ntqal mill-appellant kien inċidentali, għaliex Joseph Galea, kif qal huwa stess, kien jikkonċedi l-kreditu fil-kors tan-negozju tiegħu. In-nuqqas ta' interess ukoll ta' Joseph Galea sabiex jivverifika dak li kien qed jingħad lilu hija turija ċara dwar l-effett irrilevanti li dal-kliem kellu fuqu;

L-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri waqt l-indirizz tiegħu lill-ġurati kkommetta żball meta kien qed jittratta dwar l-effikaċja tar-raġġir fuq il-vittma u għamel riferenza għall-aspett mill-provi li

ma jikkwalifikax bħala raġġir ossia l-mezz li wassal għar-reat ta' truffa. Skond l-appellant dak li kien relevanti fir-rigward ta' l-aspett ta' l-effikaċja kien jekk l-allegata messa in xena kinitx effikaċi mentri l-ġurati ġew diretti jaħsbu li l-ordni ta' l-appellant minnha nnifisha kienet tammonta għall-għemil qarrieqi;

Ikkunsidrat:

L-appellant ġie akkużat bi u misjub ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap. 9, ċjoe` ta' frodi b'għemil qarrieqi;

L-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali , jiddisponi li jkun ħati ta' frodi b'għemil qarrieqi:

"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ ....";

Minħabba l-mod kif hu impostat l-appell odjern hu l-każ li jiġi ċċarat sewwa f'hix jikkonsisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu msemmi u kif wasal għandna;

It-truffa u d-delitti l-oħra ta' frodi affini bdew jiġu kkunsidrati b'mod awtonomu fl-aħħar tas-seklu tmintax u t-truffa kif nafuha llum dehret l-ewwel darba, għalkemm b'isem differenti, fil-Kodiċi Penali Franċiż ta' l-1810 li fl-artikolu 405 jikkunsidra bħala truffa l-att ta' dak li b'ingann ikun *escroque ou tente` d'escroquer la totalite` ou partie de la fortune d'autrui*;

It-terminu truffa, użat anke mill-Kodiċi Taljan ta' l-1889 u mill-*Codice Sardo* kien minflok adoperat mill-Kodiċi Toskan ta' l-1853 biex jindika l-approprjazzjoni indebita, mentri l-vera truffa kif nafuha aħna illum kienet iddenominata f'dak il-Kodiċi bħala *Frode*. Fir-relazzjoni tal-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati Taljana fuq il-proġett tal-Kodiċi Penali ta' l-1857, (nru. CCXXXIII) intqal illi "La parola truffa parve piu` adattata del vocabolo frode a designare quella speciale categoria di malefizi in cui l'usurpazione degli averi si commetta con l'inganno e con fraudolenti raggiri e la scelta parve alla Commissione opportuna perche` il significato specifico della parola truffa e` piu` universalmente penetrato nel linguaggio comune come designativo di una categoria speciale di delitti commessi mediante l'astuzia e il raggiro della vittima, mentre il vocabolario frode e` preferibilmente usato per indicare il genere dei malefizi che hanno per loro fondamento la menzogna e l'inganno. Ed in questo significato piu` ampio e piu` comprensivo viene appunto la parola frode usata in tutta la nostra legislazione; cosi` che la scelta di un altro vocabolo, destinato a significare una delle singole specie di azione compiuta col mezzo della frode, e` anche imposta dalla necessita` di mettere in armonia il linguaggio del Codice Penale con quello delle altre legge vigenti";

Bħall-Kodiċi Toskan, anke dak tad-Due Sicilie ta' l-1819 (artikolu 430) kien isejjaħ frodi d-delitt illum magħruf bħala truffa. Ir-regolamento Pontificio ta' l-1832 (artikolu 357) taħt il-vokabolu Truffa kien jinkludi kemm it-truffa kif ukoll l-approprijazzjoni indebita. Il-*Codice Parmense* ta' l-1820 (artikolu 448) u dak Estense ta' l-1855 (artikolu 493) assumew imbagħad it-terminu truffa kif nafuha fid-dritt penali Taljan ta' l-aħħar mitt sena u dak tagħna;

Ta' min iżid hawn illi d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Taljani

ta' l-1889 dwar it-Truffa kienu meħuda mill-*Codice Sardo-Italiano* ta' l-1859 (artikolu 626);

Dawk tal-Kodiċi tagħna, kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-*Codice delle Due Sicilie* li hu identiku, ħlief għal xi kelmiet li ma jaffettwawx is-sustanza, għall-artikolu 405 tal-Kodiċi Penali Franċiż li fuqu ngħad diġa`;

F'dan il-kuntest, il-liġi aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapporti patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel;

Ikkunsidrat:

Illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju, 1935 mogħtija mill-Qorti Kriminali kolleġġjalment komposta in re **Rex *vs* Vittorio Azzopardi** (Vol. XXIX - iv - p. 398) il-Qorti ċċitat estensivament mix-*Chaveau et Helie* u anke minn diversi sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Pariġi biex tispjega li hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat tat-truffa li l-manuvri jew raġġiri jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja li jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajmu s-sentimenti l-oħra msemmija mil-liġi. F'dik il-kawża ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina *vs* Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju, 1887 fejn ġie stabbilit illi "che per costituire la frode sotto la disposizione da quel articolo 282 (illum 308) non e` necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito

immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti";

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna. Per eżempju in re **Il-Pulizija *vs* Nikol Bonnici** (27 ta' Mejju, 1944) il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet: "Il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha .... waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn, biex ikun hemm reat taħt l-artikolu 309 (illum 308), illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kliem stess fil-menti ta' l-iffrodat. Dina t-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġjalment komposta fil-kawża **Regina *vs* Francesco Cachia u Charles Beck** deċiża fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha ntqal illi "quello articolo non richiede solamente un'asserzione menzogniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falsa assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darlo fede";

Fis-sentenza tagħha in re **Il-Pulizija *vs* Carmelo Cassar Parnis** tal-31 ta' Ottubru, 1959, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippresjeduta mill-Imħallef G. Flores kienet qalet illi "għar-reat tat-truffa kkontemplat fl-artikolu 322 tal-Kodiċi Kriminali (illum artikolu 308) kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita` speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsita` pprospettata bħala vera, u hekk bħala mezz ta' qerq. Mhuwiex biżżejjed għall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita` l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi kliem u lużingi, u li tagħti lil dawn, l-esterjorita` ta' verita` kif tirrendi l-idea, l-espressjoni feliċi

fid-dritt Franċiż *misse-en-scene* ;

Jista' jiżdied ukoll li mill-ġurisprudenza nostrali, l-aktar awturi ċċitati mill-Qrati tagħna huma l-Arabia, il-Pincherle, ix-Chaveau et Helie, ix-Chaveau, il-Carrara u l-Pessina;

Illum, għalhekk, huwa ssodat fil-ġurisprudenza tagħna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa għal dawk li huma artifizji, mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, iżda jinħtieġ li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-*magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite;* irid ikun hemm dik l-impostura li tikkostrinġi lil dak li jkun li jemmen, li tneħħi kull suspett u li tipparalizza d-diliġenza ta' l-iffrodat u tissorprendilu l-*buona fede* tiegħu;

Ikkunsidrat:

Kwantu jirrigwarda l-element tad-dolo dak li hu meħtieġ li jiġi ppruvat huwa s-segwenti:

Fl-ewwel lok irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja ta' flus jew oġġetti bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-istess artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) fejn jirrikorru l-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" il-leżjoni ta' dritt u l-profitt ikun inġust appuntu għax ikun hemm leżjoni ta' dritt;

Hemm bżonn ukoll jiġi ppruvat illi s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittimita` produttiva tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo;

Fl-aħħarnett din il-Qorti jidhrilha li hu relevanti jiġi ripetut dak li kienet qalet fis-sentenza tagħha preliminari f'din l-istess kawża ppronunzjata fit-22 ta' Novembru, 1990 u ċjoe`:

Fl-ewwel lok, illi essenzjalment l-elementi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 308 huma tnejn - l-element immaġinarju u l-element fattwali, inkwantu l-akkużat biex jagħmel qligħ indebitu jivvinta storja u jara kif jagħmel biex jillustraha, biex jikkonvinċi lill-vittma biex temmen l-istorja. Tradizzjonalment fil-kontest tal-frodi, jintużaw is-sostantivi *raggiro* u *messe-en-scene*. Ta' l-ewwel fil-lingwa Taljana per estensjoni saret tfisser proprju *truffa, inganno, imbroglio*, pero` oriġinarjament kienet tiddeskrivi l-azzjoni li biha wieħed idur u jerġa' jdur ma' persuna oħra, b'fittaġni, bil-ħsieb li jdawru biex jagħmel xi ħaġa li l-ewwel persuna tkun tixtieq li l-oħra tagħmel. Dak li fit-Taljan difatti jingħad - *irretirlo in imbroglio* - bħal definizzjoni ta' *raggirare* fil-Malti nużaw l-espressjoni - iddaħħal fl-ixkora. *Misse-en-scene* tirreferixxi għal dak kollu li jintuża fuq il-palk ta' teatru biex joħloq l-atmosfera fittizzja li jkun hemm bżonn għar-reċita li tkun se ssir;

Fit-tieni lok, illi parti mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, jista' jiġi anke limitat għal dik il-parti li tgħid - "Kull min b'mezzi kontra l-liġi .... jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' .... kreditu immaġinarju";

Ikkunsidrat:

Stabbilit dan, jiġi fl-ewwel lok osservat illi, *inter alia* in sostenn ta' l-akkuża, l-Avukat Ġenerali fit-termini ta' l-istess att ta' l-akkuża allega s-segwenti fatti bħala l-fatti kostitwenti t-truffa:

"Sabiex jikkonvinċi lil Galea jikkonsenjalu l-injam bid-dejn, Debattista vvinta storja lil Galea li l-kuntratt li kellu kien ma' ċerti nies magħrufa bħala "id-Dun" li kellhom reputazzjoni ta' negozjanti stabbili ħafna";

".... biex jikkonvinċi lil Galea jkompli jikkonsenjalu l-injam bid-dejn .... Debattista vvinta storja oħra lil Galea u qallu li kellu l-għajnuna ta' persuna influwenti li bis-saħħa tagħha kien irnexxielu jakkwista faċilitajiet ta' *overdraft* mingħand .... l-Mid-Med Bank. Biex ikompli jissokta din l-istorja .... Debattista .... ta lil Joseph Galea żewġ ċekkijiet għall-ammont ta' tlett elef u ħames mitt lira maltija kull wieħed maħruġin fuq il-Bank of Valletta li iżda ma setgħux jissarrfu. .... meta wasal iż-żmien biex jissarrfu ż-żewġ ċekkijiet u peress li kien jaf li ma kellux flus biex ikopri dawk iċ-ċekkijiet .... Debattista .... talab lil Galea jirritornalu l-istess ċekkijiet peress li kien ser jittrasferixxi l-kont li kellu fil-Bank of Valletta għall-Mid-Med Bank";

Minn dan hu ovvju li mill-istess att ta' l-akkuża l-Avukat Ġenerali kien qed jallega l-eżistenza kemm tal-parti immaġinattiva, ċjoe` l-istorja u kemm l-illustrazzjoni ta' parti essenzjali tagħha, ċjoe` ta' dik il-parti ta' l-istorja li riedet turi li fin-negozju ta' l-akkużat kien hemm interessati nies ta' stabbilita` finanzjarja, u li huwa kellu wkoll l-appoġġ ta' persuna influwenti fil-bank li setgħet għalhekk tagħtih l-appoġġ neċessarju biex jottjeni għanjuna finanzjarja mill-bank. Inoltre l-Avukat Ġenerali allega li din il-parti ta' l-istorja ġiet illustrata bl-emissjoni ta' *cheques* ta' ammonti sostanzjali rrilaxxjati f'idejn il-vittma u rtirati għaliex il-persuna influwenti kient taħdem mal-Mid-Med Bank u għalhekk l-akkużat kellu jittrasferixxi n-negozju tiegħu mill-Bank of Valletta għall-Mid-Med Bank; u billi ċ-*cheques* kienu nġibdu fuq il-Bank of Valletta

kellhom jiġu rtirati;

Fejn l-appellant ma jaqbilx huwa li skond hu, anke kieku kellu jiġi konċess għall-grazzja ta' l-argument illi dak li qed tallega l-prosekuzzjoni huwa ppruvat; dan bħala fatt, xorta ma jwassalx għar-reat tat-truffa għax ma jirriżultax l-użu ta' dak l-apparat estern biex isaħħaħ l-ingann; bħala fatt pero`, imbagħad l-appellant assolutament ma jaqbilx li l-prosekuzzjoni ppruvat li kien hemm xi falsita`;

Ikkunsidrat:

In sostenn tat-teżi tiegħu, l-appellant jistrieħ ħafna fuq ix-xhieda ta' Joseph Galea li huwa l-persuna li effettivament ġiet iffrodata u jippretendi li mix-xhieda tiegħu stess din il-Qorti għandha tkun sodisfatta mill-fondatezza ta' l-appell tiegħu;

Effettivament, pero`, mingħajr tlaqliq, din il-Qorti tinsab konvinta mill-kuntrarju u dan bl-aktar mod assolut. Huwa veru li l-istorja kollha tippreżenta u tipprospetta ħafna gideb u lużingi iżda fuq kollox hija illustrattiva ta' messa-in-xena mill-bidu sa' l-aħħar esegwita b'mod professjonali u fl-aħjar tradizzjoni tat-truffa;

Fil-fehma ta' din il-Qortri, in effetti, mix-xhieda ta' Galea jirriżulta li s-sistema adoperata mill-appellant kienet tikkonsisti f'illi fl-ewwel lok taħt il-pretest allattanti li kellu ordni kbira mingħand negozjant magħruf u ta' ċerta stabbilita`, huwa, ftit ftit u fin fin, daħal fil-fiduċja ta' l-istess Galea b'mod li nnewtralizzalu kull suspett billi tah x'jifhem li kien ser jinnegozja ma' persuna ta' fiduċja. Forsi sa dal-ħin jista' jingħad biss li kienet qed titlesta t-triq għall-ingann veru u proprju. Pero`, minn dak il-mument l-appellant beda

b'sensiela ta' ordnijiet, waħda ssegwi lill-oħra, b'dan li sa ċertu żmien kien qed iħallas ċerti akkonti permezz ta' *cheques* postdatati, dejjem pero' b'mod li filwaqt li jibni sistema ta' fiduċja, jħalli bilanċ dovut li baqa' dejjem jiżdied bl-eluf sakemm laħaq is-somma ta' Lm26,000. Sadattant, pero' laħaq stabbilixxa sistema ta' pagamenti b'*cheques* postdatati li xi ftit jew wisq ittradiet lil Galea, li sa ċertu żmien almenu kien indott jaħseb li għalkemm bil-mod, l-appellant kien klijent ġenwin ta' min jafda fih. Minn hawn 'il quddiem l-appellant seta' jibni apparat estern konvinċenti biżżejjed biex ikun jista' jkompli bil-qerq tiegħu u dan billi ppretenda li kellu fabbrika avvjata li indika lil Galea u li pero' sabha dejjem magħluqa għax skond l-appellant il-ħaddiema kienu barra, kien juża burdnar regolari biex iġorrlu l-injam, indika li kellu min jaqilgħu biex jottjeni kreditu mill-Mid-Med Bank u permezz ta' twebbil ta' eżistenza ta' *cheques* oħra pagabbli lilu u li minnhom seta' jitħallas Galea u spiċċa biex inganna kompletament lill-istess Galea li nduna bil-qerq meta kien tard wisq. Ma dan jista' jiżdied ukoll li Galea kien it-tip ta' negozjant li kien prattikament dejjem dispost jagħti kreditu lil dak li jkun u għalhekk fil-każ tiegħu kien forsi aktar vulnerabbli minn ħaddieħor, pero' fl-istess ħin jista' jingħad ukoll li jirriżulta abbastanza ċar mill-provi illi l-istess Galea ma kienx iħalli lilu nnifsu jiġi ttradut mill-appellant kieku dan ta' l-aħħar ma rnexxielux jibni fiduċja permezz ta' sistema li diġa' ġiet spjegata u li sa mill-bidu nett evidentement kienet destinata li tfalli għax l-iskop uniku kien u baqa' li Galea jiġi ffrodat;

Kuntrarjament għal dak li qed isostni l-appellant, għalhekk, din il-Qorti hija pjenament sodisfatta li kien hemm biżżejjed fatti biex a bażi tagħhom il-ġurati setgħu liberament jaslu għal verdett ta' ħtija ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9);

Ikkunsidrat:

Jibqa' biss il-kwistjoni ta' l-allegata *misdirection* fl-indirizz;

Il-kliem adoperat mill-Onorevoli Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien is-segwenti: "Dana Joe Galea, kif naħseb li jirriżultalkom naħseb, araw inthom, huwa negozjant ta' ċerta esperjenza, għandu jkun qal li ilu fin-negozju mill-'71 jew '61 ma nafx, ta' esperjenza u allura dana f'dan il-każ lill-akkużat qatt ma kien raħ b'għajnejh qabel, ma kienx jafu xejn, tah ordni ta' kwantita` ta' injam, li għandu jkun qal li qatt ma kellu ordni bħal dik ta' sitt elef lira, qallu li jagħtih ħames mitt lira *down* u l-kumplament iħallsu fi żmien tliet xhur jew fi żmien sitt xhur;

Dak il-mezz kien effikaċi, kien idoneju biex jidħaq, biex Joe Grech (*recte* Galea) jaqa' għaliha? Dak aspett wieħed; l-aspett l-ieħor, kif qalilna Joe Galea stess, fin-negozju hija ħaġa normali, li tagħti fiduċja, anzi n-negozju ma jimxix jekk mhux bil-fiduċja, ma jistax ikun li jmexxi negozju wieħed, li kull ordni li jkollu kull darba li jiġi xi ħadd jagħmel ordni kbira, jrid jindaga biex jara, għax inkella jitlef in-negozju kollu;

Spiss fin-negozju qalilna Joe Galea *cheque* ma jiġix onorat mill-ewwel u xi ħadd jibqa' lura fil-ħlas. Mhux l-ewwel darba li jafda nies li qatt ma rahom qabel. *Postdated cheques* hija xi ħaġa normali qalilna;

Araw inthom minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha li għidtilkom jiena u minn ċirkostanzi oħra li inthom tistgħu ssibu mill-provi, il-bilanċ tagħkom x'inhuwa. Din hija kwistjoni ta' fatt, tridu tiddeċiduha inthom u araw jekk kinitx effikaċi jew le bħala mezz

biex iqarraq b'Joe Galea";

F'dan kollu din il-Qorti ma tara xjen skorrett fis-sens li l-indonejita' tkopri l-ingann kollu mill-bidu sa' l-aħħar. Issa mhux aktar kwistjoni ta' jekk gidba waħedha hix biżżejjed jew le iżda kwistjoni ta' assjem ta' fatti frawdolenti li flimkien servew biex ġie ffrodat xi ħadd. L-idonejita' għalhekk tipperkorri l-kors kollu tat-truffa mill-bidu sa l-aħħar u wieħed għalhekk irid jara minnu nnifsu dak li sar kienx idoneju biex jiffiltra fl-iffrodat u jinnewtralizzalu kull suspett u *buona fede* li seta' inutli. Ma kien hemm għalhekk ebda *misdirection*;

Fl-aħħarnett kwantu għall-piena, din il-Qorti ma tarax li hu l-każ li tbiddel xejn minn dak komminat mill-ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk tgħaddi biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.